MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 260/2013

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons.), LL.D., bhala mandatarju specjali ta' SERGIO TACCHINI INTERNATIONAL S.R.L. in liquidazione, socjeta estera nkorporata taht il-ligijiet tal-Italja u b'indirizz ta' Galleria dei Borromeo, 3 I-35137 Padova, l-Italja**

**vs**

**Dr. Joseph Ellis u P. L. Gerald Bonello**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil**
**SANEWELL CORPORATION LTD, entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "RM 403 4/F HO LIK CENTRE 66A, SHA TSUI ROAD TSUEN WAN NT, HONGKONG"**
**b'digriet tat-12 ta' April 2013; u**

**Dr. Martin Fenech u P. L. Joeline Pace Ciscaldi**

**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil**
**BEA ossija Banque Extérieure d' Algérie, entita estera b'indirizz mhux maghruf gewwa OUM EL BOUAGHI, fl-Algerija**
**b'digriet tat-12 ta' April 2013**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-15 ta' Marzu 2013 li jghid hekk:
1. illi s-socjeta attrici, maghrufa sew in konnessjoni ma' prodotti ta' lbies sportif maghrufin bhala "SERGIO TACCHINI", hija proprjetarja ta' diversi trademarks li jkopru dan in-negozju;

2. illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mat-trademarks taghha "SERGIO TACCHINI" u "ST", registrati dwar prodotti ta' lbies sportif fosthom tracksuits;

3. illi fost ohrajn, is-socjeta attrici ghandha validament irregistrati bhala trademarks, it-Trademarks Komunitarji (CTM) bin-numri ta' registrazzjoni 007494801 - "ST" [figurattiva, b'effett mit-tletin (30) ta' Dicembru elfejn u tmienja (2008)], 007494933 - "ST" [wordmark, ukoll b'effett mit-tletin (30) ta' Dicembru elfejn u tmienja (2008)], u 008165714 - "SERGIO TACCHINI" [wordmark, b'effett mid-dsatax (19) ta' Marzu elfejn u disgha (2009)], u dawn kollha dwar prodotti li jinkludu prodotti ta' lbies sportiffosthom tracksuits;

4. illi s-socjeta attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erba' mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta], u tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 414,

b'disposizzjonijiet rilevanti kontenuti f'dawk l-artikoli ta' ligi li japplikaw ghal dan il-kaz (fost ohrajn);

5. illi recenternent, waqt il-kors ta' skrutinji doganali l-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-containers ECMU 9704271 u CMAU 5882483 kontenenti inter alia kwantita ta' prodotti ta' lbies sportif (tracksuits) gewwa materjal ta' ppakkettjar relattiv, liema prodotti kollha ghandhom fuqhom trademarks "SERGIO TACCHINI" u "ST", u kollha waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana waqt procedura doganali ta' trasbord (transhipment), mibghuta mill-ewwel konvenuta SANEWELL CORPORATION LTD u in tranzitu ghar-rilaxx eventwali favur it-tieni konvenuta BEA ossija Banque Extérieure d' Algérie. Il-Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta attrici dwar dawn is-sejbiet f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali;

6. illi s-socjeta attrici giet mgharrfa bis-sejbiet fil-hmistax (15) ta' Frar tal-elfejn u tlettax (2013) u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti kif ukoll kampjuni tal-istess, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat DRAFT BILL OF LADING fejn, fil-kaxxa relattiva ghax-SHIPPER / parti li qed tibghat, hemm indikata SANEWELL CORPORATION LTD, entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' RM 403 4/F HO LIK CENTRE 66A, SHA TSUI ROAD TSUEN WAN NT, gewwa HONG KONG, filwaqt li bhala CONSIGNEE / importatrici, hemm indikat TO ORDER OF BEA OUM EL BOUAGHI 051;

7. illi effettivament, l-oggetti mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox elfejn sebgha mija sitta u tletin (2,736) prodotti ta' lbies sportif (tracksuits) gewwa l-container ECMU 9704271 u elf disa' mija u ghoxrin (1,920) prodott ta' lbies sportif (tracksuits) gewwa l-container CMAU 5882483 (oltre ghall-materjal ta' ippakkettjar relattiv), jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati, u dan kollu f'cirkustanzi inter alia fejn kemm fil-pajjiz minn

fejn intbaghtu u kif ukoll fil-pajjiz fejn kellhom jaslu, hemm protezzjoni b'trademarks registrati f'isem is-socjeta attrici dwar "SERGIO TACCHINI" u "ST", inter alia fuq prodotti ta' lbies sportif (tracksuits);

8. illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefiggja terminu sal-hmistax (15) ta' Marzu elfejn u tlettax (2013) inkluz, sabiex is-socjeta attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu prezentati entro dan l-istess terminu;

9. illi l-esponent jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

10. illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'kwantita ta' prodotti ta' lbies sportif (tracksuits) gewwa materjal ta' ppakkettjar relattiv, li kollha ghandhom fuqhom trademarks "SERGIO TACCHINI" u "ST", u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-containers ECMU 9704271 u CMAU 5882483 kienu jikkontjenu dawk l-istess oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li oggetti falsifikati;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuti u ghas-spejjez taghhom;

(3) tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuti mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr. Martin Fenech et tat-8 ta’ Mejju 2013 li tghid hekk:

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw li jissottomettu risposta ulterjuri.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr. Joseph Ellis et tal-14 ta’ Mejju 2013 li tghid hekk:

1. Illi huma, fil-kwalita taghhom ta’ kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-entita estera Sanewell Corporation Limited mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar il-quddiem.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marki "SERGIO TACCHINI" u "ST" u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta’ din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta’ trademarks Komunitarji (CTM) bin-numri 007494801, 007494933, u 008165714.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'containers ECMU 9704271 u CMAU 5882483 li kien inhattu fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM ALMAVIVA li kien diehel Malta fil-31 ta' Jannar 2013 l-Ufficjali tad-Dwana sabu kwantita ta' prodotti ta' lbies sportif (tracksuits) gewwa materjal ta' ppakkettjar relattiv li jgibu l-markji tas-socjeta rikorrenti liema konsenja tikkonsisti elfejn sebgha mija sitta u tletin (2,736) prodotti ta' lbies sportif (tracksuits) gewwa l-container ECMU 9704271 u elf disa' mija u ghoxrin (1,920) prodott ta' lbies sportif (tracksuits) gewwa l-container CMAU 5882483 (oltre ghall-materjal ta' ippakkettjar relattiv), u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 21 ta' Mejju 2013 Dok. AB maghmul minn Alessandro Meloncelli, likwidatur tas-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius Dok. H datat 14 ta' Marzu 2013 fol. 121 li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Alessandro Meloncelli li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius fol. 122. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi konsenja ta’ elfejn sebgha mija sitta u tletin (2,736) prodotti ta' lbies sportif (tracksuits) gewwa l-container ECMU 9704271 u elf disa' mija u ghoxrin (1,920) prodott ta' lbies sportif (tracksuits) gewwa l-container CMAU 5882483 (oltre ghall-materjal ta' ippakkettjar relattiv), in kwistjoni li tinsab maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati skond l-artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ elfejn sebgha mija sitta u tletin (2,736) prodotti ta' lbies sportif (tracksuits) gewwa l-container ECMU 9704271 u elf disa' mija u ghoxrin (1,920) prodott ta' lbies sportif (tracksuits) gewwa l-container CMAU 5882483 (oltre ghall-materjal ta' ippakkettjar relattiv), da parti tas-socjetajiet intimati u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjeta rikorrenti;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjetajiet intimati, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjetajiet intimati jhallsu l-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni, u tal-

ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit ta' George Agius a fol. 122;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba billi ma hemmx bzonnha;

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet/entitajiet konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------